Kunsill Lokali tax-Xagħra (Għawdex)

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV

## SENA 2018

Dan ir-rapport annwali amministrattiv ikopri r-raba' sena tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra li bdiet fl-1 ta' Mejju 2015. Din il-leġislatura ser tiġi fi tmiemha nhar it-30 ta' Ġunju 2019. Is-sena finanzjarja li ser tiġi diskussa bdiet fl-1 ta' Jannar u ser tintemm fil-31 ta' Diċembru 2018. Huwa stmat li din is-sena finanzjarja ser tintemm b'bilanċ finanzjarju ta' madwar € 170,000. Dan il-bilanċ ma jinkludix il-*commitments* li għandu l-Kunsill fir-rigward tal-ħlasijiet lill-kumpanija *Road Construction Co. Limited* għax-xogħol ta' asfaltar tal-ewwel parti ta' Triq Marsalforn, liema ħlasijiet qed isiru skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt li l-Kunsill Lokali għandu ma' din il-kumpanija.

Matul din is-sena li qed tintemm, il-Kunsill Lokali tax-Xagħra għamel ħiltu kollha sabiex isolvi l-ilmenti kollha li rċieva mingħand ir-residenti. Dan sakemm l-ilmenti kienu jikkonċernaw oqsma li jaqgħu direttament taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill. Fir-rigward ta' ilmenti oħra, għamilna l-pressjoni neċessarja mad-Dipartimenti konċernati sabiex l-ilmenti tar-residenti jiġu solvuti.

Matul is-sena 2018, il-Kunsill iffinalizza x-xogħol ta' asfaltar ta' Triq Għajn Ħosna li mix-Xagħra twassal għall-bajja tar-Ramla l-Ħamra. Dan ix-xogħol sar b'finanzjament speċjali li ngħatajna mill-Ministeru għal Għawdex.

Fit-30 ta' Novembru 2017, il-Kunsill Lokali tax-Xagħra issottometta applikazzjoni għall-fondi sabiex tiġi restawrata l-istatwa u l-pedestall tal-Madonna tal-Karmnu li tinsab fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra. Huwa stmat li dan ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr jiswa madwar € 11,000. Bi pjaċir ngħid li din l-applikazzjoni tagħna ġiet aċċettata u fil-jiem li ġejjin ser nibdew nimplimentaw dan il-proġett li ser ikun qed itejjeb l-prodott turistiku li noffru. Dan wara li ħarġu t-*tenders* neċessarji u ngħatat l-offerta skont il-proċeduri finanzjarji tal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill kompla wkoll jikkontribwixxi għat-tiżjin ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u Pjazza l-Vitorja għal żmien il-festi tal-Milied u għall-Maratona Annwali li tiġi organizzata fir-raħal tagħna bis-sehem ta' diversi għaqdiet volontarji li għandna fix-Xagħra. Qegħdin kontinwament nixtru numru ta' kotba għall-librerija lokali li tintuża spiss mir-residenti u t-tfal tagħna. Il-Kunsill jorganizza b'mod regolari diversi korsijiet għar-residenti fosthom korsijiet fil-lingwi barranin u l-bizzilla.

Il-Kunsill ikkontribwixxa wkoll f'diversi attivitajiet kulturali li saru fir-raħal waqt li għal darb'oħra organizza attivitajiet konnessi mal-Karnival. Il-Kunsill jagħti wkoll l-appoġġ tiegħu lill-Fondazzjoni Kummittiva li tagħti s-servizzi tagħha waqt dawn il-ġranet. Noffru wkoll is-sapport tagħna lill-għaqdiet fir-raħal fosthom il-Banda *Victory* u lill-kommunitajiet ta' Sant'Anton u tan-Nazzarenu għall-organizazzjoni tal-festi rispettivi u attivitajiet soċjali u kulturali oħra. Lill-Banda Victory nikkummissjonawha sabiex tesegwixxi diversi kunċerti fosthom dak prinċipali ta' Jum ix-Xagħra waqt li nghinuha fl-organizazzjoni tal-Programm Vokali u Strumentali li l-istess Socjeta' ittella' fil-jiem tal-festa ta' Marija Bambina.

F'Ġunju 2018 organizzajna d-disa' edizzjoni tal-Festival tat-Tin u prodotti tipiċi Maltin fil-preżenza ta' numru sabiħ ta' delegati barranin mill-Kunsilli ta' Offida, San Michele Salentino u Domus De Maria – kollha mill-Italja. Bħala parti minn dan il-festival, din is-sena organizzajna b'suċċess l-attivita' kulturali 'Xaghra Hilltop Rock Concert' li saret nhar is-Sibt 30 ta' Ġunju fi Pjazza l-Vitorja bis-sehem ta' diversi artisti u *bands* lokali. Irrid hawnhekk nirringrazzja lill-Ministeru għal Għawdex u lis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Annimali, Biedja u Sajd tal-għajnuna finanzjarja li offrew biex setgħet tiġi organizzata din l-attivita' kulturali ta' livell. Nhar il-Ġimgħa 28 ta' Diċembru, il-Kunsill ser jorganizza edizzjoni oħra tal-Kunċert annwali tal-Milied bil-parteċipazzjoni tal-Kor *Voci Angeliche* tal-Parroċċa tagħna.

Irrid infakkar li l-Kunsill jiftaħ regolarment iċ-Ċentru ta' matul il-jum għall-anzjani fir-raħal stess u jorganizza attivitajiet għall-anzjani kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta. F'dak li jirrigwardja s-separazzjoni tal-iskart fil-lokalita' tagħna, komplejna bil-kampanja tagħna favur aktar riċiklaġġ tal-iskart domestiku. Irrid ninnota b'sodisfazzjon li matul din is-sena kellna żieda fl-ammont ta' skart riċiklat li qed jinġabar mir-residenzi tax-Xagħra. Dan joħroġ mir-rapport ta' kull kwart li tippubblika l-kumpanija *Greenpak* li hija l-kumpanija responsabbli mill-ġbir tal-iskart riċiklabbli fil-lokalita' tagħna. Bi ftehim ma' din il-kumpanija u anke b'kollaborazzjoni sħiħa mal-kumpanija nazzjonali *Wasteserv*, il-Kunsill qed joffri ammont ta' boroż ħodor tar-riċiklaġġ u boroż bojod għall-iskart organiku lil kull familja fix-Xagħra darbtejn fis-sena – f'Jannar u f'Lulju. Dan nagħmluh sabiex inkomplu nedukaw lir-residenti tagħna dwar il-ħtieġa li jkollna separazzjoni adekwata tal-iskart.

Matul din is-sena, il-Kunsill Lokali tax-Xagħra ikkopera mal-Gvern Ċentrali f'diversi inizjattivi li qed jieħu favur il-poplu Malti u Għawdxi kollu. F'Ottubru li għadda, il-Kunsill reġa' ikkopera mal-Ministeru tas-Saħħa u offra s-servizz ta' vaċċin b'xejn kontra l-infuwenza staġjonali lil dawk ir-residenti Xagħrin li għandhom minn 55 sena 'l fuq.

Nhar is-Sibt 3 ta' Novembru 2018, il-Kunsill Lokali tax-Xagħra iffirma ftehim mal-Ministeru għal Għawdex li permezz tiegħu ngħatajna l-fondi meħtieġa sabiex isir ix-xogħol ta' asfaltar ta' Triq il-Kumittiva, parti minn Triq Masri u parti minn Triq Ta' Gajdoru. L-offerti pubbliċi għal dawn ix-xogħlijiet ħarġu fl-4 ta' Diċembru u ser jagħlqu fid-19 ta' Diċembru 2018. Huwa mistenni li x-xogħlijiet jibdew sal-aħħar ta' Frar li ġej.

Għas-sena 2019, il-Kunsill Lokali tax-Xagħra għandu l-ħsieb li jkompli japplika għal diversi fondi nazzjonali u Ewropej sabiex jimplimenta proġetti li jkomplu jtejbu l-kwalita' tal-ħajja tar-residenti Xagħrin. Ewlenin fost dawn il-proġetti hemm it-tisbieħ u r-rinnovazzjoni tal-pjazza quddiem il-Knisja ta' Ġesu' Nazzarenu.

Fi tmiem ta' dan ir-rapport annwali amministrattiv, nixtieq nirringrazzja lill-Viċi Sindku u lill-Kunsilliera kollha, lis-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard, lill-*Assistant Principal* Josephine Sultana u lill-iskrivana tal-Kunsill, Manolita Farrugia għas-servizz u d-dedikazzjoni tagħhom lejn il-ħidma tal-Kunsill. Mingħajr l-għajnuna tagħhom, il-Kunsill ma jkunx jista' jiffunzjona kif suppost. Grazzi.

**Joe Cordina**
**Sindku**

| **Pozizzjoni** | **Attendenza fil-Laqgħat** | **Parteċipazzjoni** |
|---|---|---|
| **Sindku** | | |
| Is-Sur Joseph Cordina | 100% | 100% |
| **Vici Sindku** | | |
| Il-Vici Sindku Aaron Agius | 98 % | 100% |
| **Kunsilliera** | | |
| Dr. Christian Zammit | 98 % | 100% |
| Dr. Joseph Attard | 100% | 100% |
| Dr. Kevin Cutajar | 98% | 100% |
| Anthony Attard | 99% | 100% |
| **Impjegati** | | |
| Is-Sur Ivan Attard (Segretarju Eżekuttiv) | 100% | 100% |

# 3.1 Organizazzjoni

**Sindku Joe Cordina**

**Viċi Sindku Aaron Agius**

**Kunsillier Dr. Christian Zammit**

**Kunsillier Dr. Kevin Cutajar**

**Kunsillier Anthony Attard**

**DEKASTERI TAL-KUNSILLIERA ELETTI FL-ELEZZJONI TAS-SIBT 11 TA' APRIL 2015**

**Is-Sindku Joe Cordina:**
Ippjanar u Infrastruttura
Relazzjonijiet mal-Għaqdiet Soċjali u attivitajiet kulturali
Anzjani
Proġetti iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea

**Il-Viċi Sindku Aaron Agius:**
Żgħażagħ u Sport
MEPA u Ambjent
*Upkeep* tal-ġonna pubbliċi
Kumitat Konġunt
Jgħin lis-Sindku fl-organizazzjoni ta' attivitajiet kulturali

**Il-Kunsillier Dr. Christian Zammit:**
Ġemellaġġi
Fondi tal-Unjoni Ewropea
Negozju u Kummerċ fix-Xagħra
Kultura u Wirt Storiku
Edukazzjoni u l-Librerija

**Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar:**
Innovazzjoni u Tiġdid tas-Sistemi
Saħħa, Sigurta' u Aċċessibilita'
Ugwaljanza u Affarijiet tal-Familja
Animal Welfare

**Il-Kunsillier Anthony Attard:**
*E-councilor*
Żvilupp Soċjali
Turiżmu fix-Xagħra
Indafa u Separazzjoni tal-Iskart

## Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard

Is-Segretarju Eżekuttiv huwa l-kap eżekuttiv, amministrattiv u finanzjarju tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv:

(a) Joħroġ l-avviżi kollha, iħejji l-aġenda b'konsultazzjoni mas-Sindku u jattendi l-laqgħat kollha tal-Kunsill;
(b) Jikkompila u jiffirma l-Minuti tal-laqgħat tal-Kunsill u tal-Kumitat;
(c) Kull sena jissottometti rapport amministrattiv dettaljat lis-Sindku li mbagħad jissottomettieh lill-Kunsill għall-approvazzjoni tiegħu;
(d) Jieħu ħsieb li jingħataw lill-Kunsill estimi tad-dħul u nfiq tal-Kunsill matul is-sena finanzjarja li tkun ġejja;
(e) Jaqdi kull dmir amministrattiv li jista' jingħatalu mis-Sindku, skont *policies* deċiżi u delegati mill-Kunsill;
(f) Joħroġ kull ordni oħra dwar xi nefqa kif approvata mill-Kunsill u
(g) Jesegwixxi d-deċiżjonijiet leġittimi tal-Kunsill u jwaqqaf kull attivita' jew inizjattiva li jkun ser jagħmel il-Kunsill li tkun kontra l-Liġi, ir-regolamenti, strateġiji jew *policies* nazzjonali u lokali, jew kull attivita' jew inizjattiva li ma tkunx approvata b'deċiżjoni tal-Kunsill

## L-Assistent Uffiċjal Prinċipali Josephine Sultana

## L-iskrivana Manolita Farrugia